Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 23/2015

**Joseph Testa**

**Vs**

**Simon Delia-Simon Models**

16 ta' Gunju, 2017.

1. Il-konvenut appella mid-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tat-30 ta' Novembru, 2015 li biha kien ikkundannat ihallas is-somma ta' elf mitejn u hamsin ewro (€1,250) prezz ta' *drone* li l-attur xtara minghandu. Dan wara li t-Tribunal qal:

   *"Kif gja nghad, ma ngabet ebda prova mqar fi grad ta' probabbilta' illi r-rikorrent kien qed jopera d-drone b'mod irregolari. Anzi, irrizulta l-oppost, fejn ir-rikorrent kien ferm prudenti bl-uzu u l-operazzjoni tad-drone. Dan hu konfermat mix-xhieda prodotti.*

   *Illum it-Tribunal jifhem illi d-drone huwa rreparabbli imma dan mhuwiex dovut ghal xi nuqqas da parti tar-rikorrent, izda ghal difett fid-drone illi kien jezisti qabel ma waqa' fl-ghadira ilma. L-intimat kien ben konxju tal-fatt illi d-drone ma kienx qed jahdem sew u jekk ried juri xi mizuri reparattivi u jibghat id-drone ghat-tiswija dan seta' ghamlu wara li ntilef l-ewwel darba. Izda l-attitudni tieghu kienet ferm negattiva mill-bidu nett fejn lanqas indenja ruhu jara jew jispezzjona d-drone u ta istruzzjonijiet biss fuq it-telephone.*

   *It-Tribunal jidhirlu li x-xhieda tar-rikorrent hija wahda veritjiera u l-attiduni tal-intimat hija censurabbli peress illi naqas mill-obbligu statutorju tieghu illi jagixxi kif suppost konsegwenza tal-garanzija illi l-ligi timponi fuqu.*

   *Ghalhekk it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrent, jiddikajra illi d-drone mibjugh mill-intimat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u konsegwentement tikkundanna lill-intimat li jirrifondi lir-rikorrent is-somma mitluba ta' €1,250 – prezz tal-istess drone. Peress illi d-drone baqa' fil-pussess tal-intimat mhux il-kaz illi jordna illi dan jinghata lill-intimat.*

   *Bl-ispejjez kontra l-intimat".*

2. **<u>Fatti.</u>**

   i. F'Dicembru, 2014 l-attur xtara *Drone Dji Vision* u batterija minghand il-konvenut. Il-prezz kien ta' €1,424.
   ii. Fl-instructions jinghad: *"[3] Keep the Phantom away from obstacles, crowds, high voltage power lines, trees or bodies of water when in flight".*

iii. Wara li l-attur uza d-*drone* seba' darbiet, id-darba ta' wara kien tah messagg *'coming home'* u ntilef. Granet wara cempillu xi hadd u nfurmah li d-*drone* kien instab.

iv. Gimghatejn wara kien qieghed il-Qbajjar, Marsalforn. F'hin minnhom id-*drone* rega' ta l-messagg *'coming home'*. Id-*drone* ma bediex jirrispondi u spicca waqa' fl-ilma. Kien hemm haddiehor li qieghed jakkumpanja lill-attur u raw dak li sehh.

3. Il-konvenut ippropona zewg aggravji:-

i. Apprezzament zbaljat tal-provi min-naha tat-Tribunal.

ii. It-Tribunal naqas milli japplika l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili.

4. L-attur ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Ghal dak li jirrigwarda x'kien gara meta d-*drone* nstab wara l-ewwel incident:

i. L-attur xehed – *"…. Cempilt lil Simon u ghidtlu li d-drone instab u qalli li rrid naghmillu update biex nara jekk ghandux bzonn ta' update. Jiena qabbadtu mal-kompjuter u rajt li kollox kien allright u ma tanix update"*.

ii. Il-konvenut xehed – *"Jiena fil-fatt kont ghidtlu fuq it-telefon sabiex igib id-drone ghandi u jkolli l-opportunita' nara x'gara ezatt kif ukoll infurmajtu fuq software updates illi kellhom isiru. Pero' din l-istedina ma gietx accettata mis-sur Testa"*.

Mid-decizjoni tat-Tribunal, hu evidenti li emmen il-verzjoni li ta l-attur. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiskarta l-posizzjoni li ha t-Tribunal. Probabbilment li kieku l-konvenut qal lill-attur biex jiehdu ghandu sabiex jezaminah, l-attur hekk kien jaghmel meta tqies li d-*drone* kien ghadu kif inxtara u meqjus ukoll il-prezz li hallas ghalih.

6. Il-konvenut jilmenta li l-attur ma ressaqx bizzejjed provi sabiex juri li d-*drone* verament kien difettuz. F'dan il-kaz l-attur spjega b'mod dettaljat x'kien gara dakinhar li d-*drone* waqa' f'ghadira ilma. Mieghu kien hemm persuni ohra li xehedu. Dawn kienu Raymond Abdilla, Rodney Gauci u Paul Testa li kkonfermaw li qabel id-*drone* ttajjar, kienu zguraw li jaghmlu uzu minn batterija li kienet *fully charged*. Wara xi seba' jew tmien minuti, beda jteptep id-dawl u deher il-messagg *coming home*. Id-*drone* ma bediex jirrispondi u spicca nizel f'ghadira ilma. Dawn ix-xhieda kkoraboraw il-verzjoni li ta l-attur. M'hemm xejn f'dak li qalu li jista' jwassal lill-qorti biex tiddubita mill-kredibilta' taghhom.

7. Hu ghalhekk evidenti li d-*drone* kellu xi difett, li wassal sabiex ma jirrispondix ghal manuvri li aghmel l-attur permezz tar-*remote control*, sabiex jerga' jgiebu taht kontroll. L-attur xehed, *"Nixtieq nghid li l-coming home function hija intiza biex jinzel hdejja within a 2 to 3 metre radius"*. Mir-ritratti li pprezenta l-attur, hu evidenti li kieku id-*drone* kien qieghed jahdem kif suppost, fejn suppost nizel ma kienx hemm ghadajjar ta' ilma.

8. L-attur ma kienx qieghed itajjar id-*drone* fuq il-bahar. Hu minnu li minn fejn l-attur tajjar id-*drone* ma kienx il-boghod mill-bahar. Pero' rrizulta li d-*drone* ta l-messagg '*coming home'* u minflok nizel hdejn l-attur spicca nizel f'ghadira ilma. Kif jirrizulta mir-ritratti l-attur ma kienx pozizzjonat hdejn l-ghadira ilma li fiha nizel id-*drone*. Id-*drone* waqa' mhux ghaliex l-attur ghamel xi zball waqt li kien qieghed juza r-*remote control*, izda minhabba difetti evidenti fid-*drone*.

9. Il-konvenut argumenta li hafna fatturi setghu wasslu sabiex id-*drone* waqa'. Pero' dawn huma biss kongetturi. Mill-provi li ressaq l-attur m'hemm l-ebda ndikazzjoni li d-*drone* waqa' minhabba xi nuqqas tieghu. Il-fatt li l-attur kien uza d-*drone* f'lokalita' ohra fl-istess gurnata u d-*drone* hadem tajjeb, m'hijiex prova li fuq bazi ta' probabbilta d-*drone* ma kellux difett. Dan iktar u iktar meta tqies li dan hu oggett ta' teknologija. Fil-fatt irrizulta wkoll li kien hemm diga' okkazzjoni precedenti meta minghajr spjegazzjoni d-*drone* spicca ntilef wara li ma bediex jirrispondi ghall-manuvri li l-attur beda jaghmel bir-*remote control*. Okkazzjoni li fiha l-konvenut minflok qal lill-attur sabiex jehodlu d-*drone* biex jispezzjonah, qallu biss biex jaghmillu *update*. Il-konvenut qal ukoll li dak li gara kien minhabba li l-attur waqqa' d-*drone* fil-bahar. Pero' d-*drone* waqa' f'ghadira ilma wara li ma rrispondiex ghal manuvri li beda jaghmel l-attur sabiex jerga' jiehu l-kontroll tieghu u waqt li kienet qeghda ssir il-manuvra *coming home*, li fuqha l-attur ma kellux kontroll, nizel fi spot li mhux fejn suppost nizel fiha.

10. Il-konvenut ghamel ukoll riferenza ghall-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. M'hemmx dubju li l-attur ma kellux hjiel li d-*drone* kellu difett. Dan apparti li l-attur ma kienx qieghed juzah ma' gemb il-bahar. Kien proprju minhabba d-difett fid-*drone* li spicca nizel f'ghadira ilma. Li kieku d-*drone* kien qieghed jahdem kif suppost u ladarba dahal fil-mode '*coming home'*, kellu jinzel biswit l-attur. Mir-ritratti li pprezenta l-attur, hu evidenti li l-attur ma kienx ma' gemb il-bahar. Inoltre, minn imkien ma jirrizulta li l-garanzija ma kinitx tkopri lix-xerrej jekk juza d-*drone* hdejn il-bahar. Id-*drone* waqa' fl-ghadira ilma ghaliex kien difettuz u ghall-ebda raguni ohra.

11. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma tara l-ebda raguni sabiex ma taqbilx ma' dak li ddecieda t-Tribunal.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

Anthony Ellul.